

**Brussell, 5 ta' Ġunju 2025
(OR. en)**

9321/25

**SOC 309
EMPL 198
AG 68
COH 79
SAN 246
GENDER 52**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar appoġġ lill-persuni akbar fl-età biex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà - Approvazzjoni

1. Il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' sett ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "appoġġ lill-persuni akbar fl-età biex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà".
2. Il-Konklużjonijiet ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fis-7 ta' April, il-5 ta' Mejju u s-26 ta' Mejju 2025. Wara konsultazzjoni informali bil-miktub, intlaħaq qbil fil-prinċipju dwar it-test, kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet fl-Anness ta' din in-Nota lill-Kunsill EPSCO għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2025.

APPOĠĠ LILL-PERSUNI AKBAR FL-ETÀ¹ BIEX JISFRUTTAW IL-POTENZJAL SĦIĦ
TAGĦHOM FIS-SUQ TAX-XOGĦOL U FIS-SOĊJETÀ

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR:

1. Fl-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li jiddikjara, fost oħrajn, li l-Unjoni għandha taħdem favur livell massimu ta' impjieg u progress soċjali biex tiġġieled l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni u li għandha tippromwovi, fost oħrajn, il-ġustizzja soċjali u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, kif ukoll il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Fl-Artikolu 145 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jissottolinja l-impenn tal-Unjoni li tiżviluppa strateġija koordinata għall-impjieg sabiex ikunu jistgħu jitwettqu l-oġettivi definiti fl-Artikolu 3 TUE, inkluż livell massimu ta' impjieg u progress soċjali.
2. Fl-Artikolu 159 TFUE li jqabbad lill-Kummissjoni tħejji rapport kull sena lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-progress fir-realizzazzjoni tal-oġettivi tal-Artikolu 151 TFUE, li jinkludu l-promozzjoni tal-impjieg, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, protezzjoni soċjali xierqa u l-iżvilupp tar-riżorsi umani bil-mira ta' livell għoli ta' impjieg dejjiemi u li tiġi miġġielda l-esklużjoni.

¹Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, it-terminu "persuni akbar fl-età" jirreferi għal persuni ta' 55 sena u aktar.

Barra minn hekk, l-Artikolu 8 TFUE jistipula li, fl-azzjonijiet kollha tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġġixxi ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa filwaqt li l-Artikolu 10 TFUE jipprevedi li fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata, fost oħrajn, fuq l-età u d-diżabilità.

3. Fl-Artikolu 174 TFUE li jistipula li, fil-politika ekonomika, soċjali u ta' koeżjoni territorjali tagħha, bl-għan, fost oħrajn, li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma inqas favoriti, l-Unjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lil żoni rurali, lil żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti.
4. Fl-Aġenda Strateġika 2024-2029 tal-Kunsill Ewropew, li twiegħed li tindirizza b'mod komprensiv l-isfidi demografiċi u l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività, il-kapital uman u l-ugwaljanza; li tiżgura li l-mudell ekonomiku u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Ewropa jsostnu soċjetà tal-lonġevità prospera; u li tinvesti fil-ħiliet, it-taħriġ u l-edukazzjoni tan-nies tul ħajjithom u thegħġeg mobbiltà tat-talenti ġusta fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha.
5. Fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bil-prinċipji tiegħu u fil-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni li jenfasizza l-importanza li tiżdied il-parteċipazzjoni għal kulħadd fis-suq tax-xogħol, inkluż ta' persuni akbar fl-età, filwaqt li jiġu żgurati opportunitajiet indaqs, jiġu promossi t-tagħlim tul il-ħajja, il-kwalità tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u titjieb l-inklużjoni soċjali, filwaqt li jiġi pprevenut il-faqar u jiġu pprovduti benefiċċji adegwati tal-irtirar li jkunu proporzjonali mal-kontribuzzjonijiet preċedenti għall-ħaddiema u dawk li jaħdmu għal rashom, sabiex nibnu fuq l-ilħuq tal-miri ewlenin u nazzjonali tal-UE għall-2030 dwar l-impjieg, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar.
6. Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma partijiet għaliha. Billi l-probabbiltà ta' diżabilità tiżdied mal-età, huwa ta' importanza kritika li jitneħħew l-ostakli għall-parteċipazzjoni soċjali u ekonomika għall-persuni kollha b'limitazzjonijiet funzjonali, anke billi tiġi żgurata l-aċċessibbiltà u akkomodazzjoni raġonevoli, sabiex jitnaqqsu l-esklużjoni, il-faqar u d-differenzi fl-impjegi bejn il-persuni akbar fl-età u l-popolazzjoni ġenerali.

7. Fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni abbażi tal-età, kif ukoll tar-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabilità jew l-orjentazzjoni sesswali, fil-qasam tal-impjieg u fix-xogħol, bl-għan li l-prinċipju ta' trattament ugwali jidħol fis-seħħ fl-Istati Membri. Tenfasizza wkoll il-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lis-sostenn tal-ħaddiema akbar fl-età sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
8. Fid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499 li tistabbilixxi standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol bejn il-persuni irrispettivament mill-età tagħhom, kif ukoll mir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabilità jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom.
9. Fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2024² dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi, b'mod partikolari l-linji gwida 6 u 8, li appellaw lill-Istati Membri, biex ifittxu li jtejbju l-provvista ta' ħaddiema u jtejbju l-aċċess għall-impjieg u l-ksib tul il-ħajja ta' ħiliet u kompetenzi, fost oħrajn billi jsaħħu l-inklużività u l-iżvilupp tal-kapital uman u jrawmu l-ksib ta' ħiliet u kompetenzi tul il-ħajja tan-nies, kif ukoll biex jippromwovu opportunitajiet indaqs għal kulħadd, fost oħrajn billi jappoġġaw riformi tal-pensjonijiet b'politiki li jippromwovu t-tixjijh attiv u san u jestendu l-ħajja tax-xogħol.
10. Fl-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bit-titlu: *Persuni akbar fl-età fl-impjieg – fatturi sistemiċi fl-għażla li jaħdmu għal żmien itwal*³, *L-Impatt tad-Demografija fuq l-Ewropa Soċjali*⁴, *Strateġija Ewropea għall-Anzjani*⁵, u *Il-promozzjoni tas-solidarjetà interġenerazzjonali Ewropea – lejn approċċ orizzontali tal-UE*⁶ li jenfasizzaw il-ħtieġa ta' miżuri kkoordinati f'oqsma differenti tal-ordni pubbliku biex jiġi appoġġat l-impjieg ta' persuni akbar fl-età, kif ukoll l-importanza tad-djalogu soċjali f'dan il-qasam.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/3134 tat-2 ta' Diċembru 2024 dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri.

³ L-opinjoni tal-KESE: *Persuni akbar fl-età fl-impjieg – fatturi sistemiċi fl-għażla li jaħdmu għal żmien itwal* (SOC/817-EESC-2024), 26 ta' Frar 2025.

⁴ L-opinjoni tal-KESE: *L-Impatt tad-Demografija fuq l-Ewropa Soċjali*, SOC 796, 18 ta' **Settembru** 2024.

⁵ L-opinjoni tal-KESE: *Strateġija Ewropea għall-Anzjani* (2023/C 349/06), 12 ta' Lulju 2023.

⁶ L-opinjoni tal-KESE: [*Il-promozzjoni tas-solidarjetà interġenerazzjonali Ewropea – lejn approċċ orizzontali tal-UE*](#), (ĠU C, C/2024/6869), 28 ta' Novembru 2024.

11. Fid-dokument tal-Kummissjoni Ewropea *Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030*⁷ li jasserixxi li jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-persuni akbar fl-età b'diżabilità, biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol.
12. Fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar *It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni*⁸ u dwar *L-Istrateġija Ewropea għall-Kura* li jindikaw li politiki dwar it-tixjiħ attiv u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u adattati apposta flimkien ma' intervent bikri, promozzjoni tas-saħħa u prevenzjoni tal-mard jistgħu jippermettu lill-ġenerazzjonijiet akbar fl-età jestendu l-ħajja tax-xogħol tagħhom volontarjament, u jappoġġaw ulterjorment għajxien indipendenti, san u attiv aktar fit-tul u jimbuttaw lura l-ħtieġa ta' kura.⁹ Barra minn hekk, ħajja tax-xogħol itwal tista' tippermetti lin-nies jaġġornaw il-ħiliet tagħhom fil-post tax-xogħol u jibqgħu attivi, li tgħin lill-impjegaturi jżommu l-persunal filwaqt li tippromwovi trasferimenti tal-għarfien f'forzi tax-xogħol multiġenerazzjonali.¹⁰
13. Fid-dokument tal-Kummissjoni Ewropea *Pjan ta' Azzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE*¹¹, li jenfasizza l-ħtieġa li l-persuni akbar fl-età jinżammu attivi bħala mod kif jikkontribwixxu għall-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet.
14. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fl-UE li jenfasizzaw l-importanza ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli, opportunitajiet ta' impjeg inklużivi, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u taħriġ u żvilupp tal-ħiliet sabiex il-ħaddiema jinżammu u b'mod sostenibbli jiġu attirati aktar nies fis-suq tax-xogħol, kif ukoll li tiġi żgurata rikoneiljazzjoni aħjar tar-responsabbiltajiet ta' kura u x-xogħol imħallas, b'mod partikolari billi jiġi żgurat aċċess għal kura ta' kwalità, bħall-indukrar tat-tfal u servizzi ta' kura għal persuni akbar fl-età bl-għan li titrawwem l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u li jiġi indirizzat it-tqassim inugwali tax-xogħol ta' kura u xogħol domestiku mhux imħallas bejn in-nisa u l-irġiel.

⁷ Kummissjoni Ewropea, DG EMPL, 2021, <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/3e1e2228-7c97-11eb-9ac9-01aa75ed71a1/language-en>

⁸ Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni, COM(2023)577 final, Brussell, 11.10.2023

⁹ Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-istrateġija Ewropea għall-kura, COM(2022) 440 final, Brussell, 07.09.2022.

¹⁰ Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni, COM/2023/577 final, p. 13.

¹¹ Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: pjan ta' azzjoni, COM(2024) 131 final, Brussell, 20.03.2024

Dawn jenfasizzaw aktar li għandhom jiġu żviluppati miżuri mmirati biex jappoġġaw lill-ħaddiema u jistiednu lill-Istati Membri jesploraw u jindirizzaw ulterjorment il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ħaddiema akbar fl-età, sabiex jitnaqqsu l-ostakli għall-impjieg u jkunu jistgħu jibqgħu fis-suq tax-xogħol għal żmien itwal u f'saħħithom, jew inkella li jerġgħu lura għax-xogħol.¹²

15. *Fil-Green Paper dwar it-Tixjiħ* tal-Kummissjoni Ewropea, li fost oħrajn tiddikjara li soċjetà li tixjiegħ b'saħħitha hija msejsa fuq tixjiħ san u attiv, aċċess għal servizzi ta' kura tas-saħħa u kura fit-tul ta' kwalità għolja, u tagħlim tul il-ħajja¹³, u li tinnotta li, filwaqt li l-kompetenza biex jiġu indirizzati l-effetti tat-tixjiħ hija fil-biċċa l-kbira f'idejn l-Istati Membri, l-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex tidentifika u tanalizza kwistjonijiet u xejriet ewlenin, tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki u tappoġġa l-azzjoni dwar it-tixjiħ fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Tista' tgħin lill-Istati Membri u r-reġjuni jiżviluppaw it-tweġibiet politiċi tagħhom stess imfassla apposta għat-tixjiħ.
16. *Fir-Rapport tal-2024* tal-Kummissjoni Ewropea u tal-KPS dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet, li josserva li swieq tax-xogħol inklużivi u robusti huma kruċjali biex jinżammu pensjonijiet adegwati f'soċjetà li qed tixjiegħ, u li jappella għal aktar sforzi biex tiġi żgurata sigurtà tal-irtirar ġusta għal kulħadd, inkluż politiki biex jittaffa l-impatt tar-responsabbiltajiet ta' kura, u biex jiġu promossi karrieri itwal, anke permezz ta' inċentivi pożittivi u perkorsi flessibbli għall-irtirar, filwaqt li titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet, u li juri li l-adeqwatezza tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà fiskali huma għanijiet inseparabbli minn xulxin, li jeħtieġu rispons integrat għall-isfida tat-tixjiħ.¹⁴

¹²Konkluzjonijiet tal-Kunsill dwar nuqqas ta' ħaddiema u ta' hiliel fl-UE: Il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal tax-xogħol mhux sfruttat fl-Unjoni Ewropea, adottati mill-Kunsill (EPSCO) fit-2 ta' Diċembru 2024.

¹³Il-Green Paper dwar it-Tixjiħ "Inrawmu solidarjetà u responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet", Kummissjoni Ewropea, COM (2021) 50 final, Brussell, 27.01.2021

¹⁴Ir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-2024 – L-adeqwatezza tad-dħul attwali u futur fix-xjuħija fl-UE. Volum I, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea 2024, <https://data.europa.eu/doi/10.2767/909323>, p. 12-13. Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2024 dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet (11398/24).

17. Fid-dokument ta' konklużjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità *Age equality and non-discrimination on the grounds of age*¹⁵, li jindirizza l-impatt tad-diskriminazzjoni abbażi tal-età u tal-etażmu, u li jiddeskrivi l-oqfsa legali u ta' politika rilevanti filwaqt li jippreżenta sfidi konkreti u tveġibiet politiċi implimentati fil-livell Ewropew u nazzjonali.
18. Fil-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol 2021-2027¹⁶, li jipprevedi li hekk kif il-ħaddiema qed jixjieħu, hemm bżonn li l-ambjent tax-xogħol u l-kompiti jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u li r-riskji jitnaqqsu kemm jista' jkun.

FILWAQT LI JQIS DAN LI ĠEJ:

19. It-tixjiħ demografiku huwa waħda mill-isfidi strutturali għall-kompetittività u t-tkabbir li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri. Skont id-data tal-Eurostat, fl-2024 dawk li kellhom 65 sena jew aktar kienu jirrappreżentaw 21.6 % tal-popolazzjoni tal-UE, proporzjon li mistenni jiżdied għal 30 % sal-2060. Fl-istess perjodu, il-proporzjon ta' dawk li għandhom bejn il-15 u l-64 sena mistenni jonqos minn 63.8 % għal 56.6 %.¹⁷ L-età medja tal-popolazzjoni żdiedet minn 39 sena għal 44.5 sena bejn l-2002 u l-2023, u sal-2060 ser tkun laħqet 48.8 sena.¹⁸ Il-proporzjon tal-popolazzjoni tal-UE fl-età tax-xogħol qed jonqos, filwaqt li l-proporzjon ta' ritirati qed jikber, u b'hekk huwa mbassar li l-proporzjon ta' dipendenza ser jiżdied b'mod kostanti minn 33.9 % fl-2024 għal 59.7 % fl-2100¹⁹. Fl-UE 27 fl-2022, il-persuni b'diżabilità rrappreżentaw 18.7 % ta' dawk li kellhom bejn is-16 u l-64 sena u 52.2 % ta' dawk li kellhom 65 sena u aktar. Għalhekk dawk li jfasslu l-politika qed isibu sfidi ġodda quddiemhom f'termini ta' kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, protezzjoni soċjali u aċċess għas-servizzi ta' kura.

¹⁵*Age equality and non-discrimination on the grounds of age*, Dokument ta' konklużjonijiet tal-Grupp ta' Livell Gholi dwar in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u d-diversità, Kummissjoni Ewropea, 1 ta' Diċembru 2024, [Network of experts in the field of anti-discrimination - Kummissjoni Ewropea](https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/combating-discrimination/tackling-discrimination/network-experts-field-anti-discrimination_en), https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/combating-discrimination/tackling-discrimination/network-experts-field-anti-discrimination_en.

¹⁶Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027, Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel, COM(2021) 323 final, Brussels, 28.06.2021

¹⁷ Eurostat: demo_pjan, proj_23np (data estratta: 17.02.2025).

¹⁸ Eurostat: proj_23ndbi (data estratta: 17.02.2025).

¹⁹*Population Structure and Ageing: Statistics Explained*, Eurostat, Frar 2025, https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Population_structure_and_ageing.

Il-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' attività ekonomika għall-persuni akbar fl-età teħtiegħ ideat ġodda fil-livell tal-kumpaniji, fil-livell reġjonali, settorjali, tal-Istati Membri u tal-UE. Hemm bżonn ta' approċċi innovattivi għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-perkorsi tal-karriera li jippermettu lill-persuni akbar fl-età jibqgħu f'saħħithom fiżikament u mentalment, filwaqt li jiżviluppaw il-ħiliet, il-motivazzjoni u l-produttività tul haġja tax-xogħol estiża.²⁰ Huma meħtiegħa wkoll approċċi innovattivi għal postijiet tax-xogħol adattabbli u aċċessibbli għall-ħaddiema akbar fl-età.

20. Il-fatt li aktar nies minn qatt qabel qed jgħixu aktar fit-tul u jibqgħu aktar f'saħħithom ifisser li jistgħu jibqgħu ekonomikament u soċjalment attivi wara li jirtiraw, billi jieħdu sehem f'attivitajiet soċjali. Dawn ir-realtajiet ġodda qed jibdlu l-fehim tagħna tal-lonġevità, u jitfgħu dawl fuq il-kontribut importanti li l-persuni akbar fl-età jagħtu lis-soċjetà u lill-ekonomija permezz ta' attività ekonomika estiża, parteċipazzjoni soċjali u volontarjat, tagħlim interġenerazzjonali u koeżjoni.²¹
21. Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet twassal biex in-nisa jkollhom inqas sigurtà finanzjarja mill-irġiel fix-xjuħija. Huwa aktar probabbli li n-nisa jaqilgħu introjtu aktar baxx mill-irġiel, billi jaħdmu aktar spiss f'setturi u impjiegi b'paga aktar baxxi, u jadattaw it-tendenzi ta' kif jaħdmu biex jassumu responsabbiltajiet ta' kura tul haġjithom peress li jwettqu l-biċċa l-kbira tax-xogħol ta' kura u faċendi tad-dar mingħajr ħlas. Għalhekk x'aktarx li jkunu huma li jaħdmu impjiegi irregolari jew anke informali, aktar mill-irġiel. Dawn il-fatturi kollha, flimkien ma' waqfiet estiżi fl-impjieg, paga aktar baxxi u karrieri iqsar, inaqqsu l-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tan-nisa u l-benefiċċji akkumulati. Madankollu hemm xi sitwazzjonijiet bħall-impjieg indipendenti, li normalment jidħlu għalih l-irġiel, li jistgħu jkunu assoċjati ma' aċċess aktar diffiċli għall-pensjonijiet milli huwa l-każ għall-ħaddiema f'relazzjonijiet tax-xogħol tradizzjonali²². Politiki bl-għan li jindirizzaw ir-raġunijiet sistemiċi li jsostnu d-differenza fil-paga bejn il-ġeneri, li jagħtu opportunitajiet ekonomiċi akbar tul il-haġja, u li jtejbu l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u s-servizzi ta' kura jistgħu jgħinu biex tiġi indirizzata din l-isfida. Estensjonijiet volontarij tal-attività ekonomika jistgħu jipprovdu dħul addizzjonali għal persuni akbar fl-età.

²⁰ Eiffe, F.F. et al. (2024), "Keeping older workers engaged: Policies, practices and mechanisms", Dokument ta' ħidma tal-Eurofound WPEF24030, 2024, <https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/2024-02/wpef24030.pdf>

²¹ Il-Green Paper dwar it-Tixjiħ "Inrawmu solidarjetà u responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet", Kummissjoni Ewropea, COM (2021) 50 final, Brussell, 27.01.2021.

²² Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS), *The 2024 pension adequacy report – Current and future income adequacy in old age in the EU. Volume II*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, p. 240, <https://data.europa.eu/doi/10.2767/550848>

22. Il-"ġenerazzjoni sandwich"²³, jiġifieri persuni b'responsabbiltajiet ta' kura simultanji għat-tfal u membri tal-familja akbar fl-età, jistgħu jkunu esposti għal stress fiżiku u mentali li jista' jsarraf f'potenzjal ekonomiku u soċjali mohl, kif ukoll fi tnaqqis tal-kwalità tal-kura li jkunu jistgħu jagħtu. L-aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità, liv tal-ġenituri mħallas u servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità huwa kruċjali biex jiġu promossi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-attività ekonomika u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Billi t-tixjijh attiv u san inaqqas il-ħtieġa ta' kura tal-persuni akbar fl-età, il-promozzjoni tiegħu għandha effett sinerġiku pożittiv fuq il-benesseri fiżiku u mentali kemm tal-ġenerazzjonijiet akbar fl-età kif ukoll tal-ġenerazzjonijiet "sandwich".
23. Miżuri ta' suċċess biex tiġi estiża b'mod volontarju l-attività ekonomika tal-ħaddiema akbar fl-età huma msejsa fuq l-istat ta' saħħa tagħhom, li huwa relatat mal-istil ta' ħajja u l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi kif ukoll mal-kwalità tax-xogħol u l-ambjent tax-xogħol, speċjalment il-piż fiżiku u mentali ta' xogħlijiet differenti. L-ottimizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' saħħa ta' persuni akbar fl-età teħtieġ kura tas-saħħa preventiva u kurattiva sostnuta u komprensiva, adattata għall-ħtiġijiet speċifiċi u l-problemi ta' saħħa kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel, flimkien ma' miżuri adegwati ta' appoġġ u ta' saħħa u sikurezza okkupazzjonali.
24. Is-sehem dejjem jikber ta' persuni akbar fl-età fil-popolazzjoni, fid-dinja diġitali li qed tiżviluppa b'rata mgħaġġla, jeħtieġ approċċi ġodda rigward l-impjieġ u l-politika soċjali. Il-bidliet fl-istruttura tal-familji, u l-iżvilupp tal-media diġitali, inkluż il-media soċjali u modi ġodda ta' komunikazzjoni mill-bogħod, flimkien max-xogħol mill-bogħod, jistgħu jikkontribwixxu għal sens dejjem jikber ta' iżolament u solitudni, għalkemm id-diġitalizzazzjoni tista' tikkontribwixxi wkoll għal sens ta' konnessjoni akbar. Għall-ġenerazzjoni akbar fl-età, dawn il-bidliet jistgħu jfissru telf aktar mgħaġġel tas-saħħa u l-indipendenza²⁴, nuqqas ta' appoġġ għall-ħtiġijiet ta' kura u żieda fil-faqar u l-esklużjoni soċjali.²⁵ Dawn il-kwistjonijiet kollha jeħtieġu tweġiba politika xierqa.

²³Konkluzjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2024 dwar l-iżgurar tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-ġenerazzjonijiet kollha fil-kuntest ta' sfidi demografiċi (16065/24), p. 10.

²⁴Sylke, V. et al. (2024), "Loneliness in Europe: Determinants, Risks and Interventions", Population Economics, Cham, Springer. ISSN 1431-6978, <https://link.springer.com/book/10.1007/978-3-031-66582-0>

²⁵Mahoney, J. et al. (2024), "Measuring social connectedness in OECD countries: A scoping review", OECD Papers on Well-being and Inequalities, No. 28, OECD Publishing, Pariġi, <https://doi.org/10.1787/f758bd20-en>

25. Politiki attivi tas-suq tax-xogħol f'konformità mal-istrateġija ġenerali proposta reċentement *L-Unjoni tal-Ħiliet*²⁶ u mal-*Pjan ta' Azzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE*²⁷ għandhom jikkontribwixxu għat-tisħiħ taż-żamma u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u għall-faċilitazzjoni ta' tranżizzjonijiet minn impjieg għal ieħor biex jiġi żgurat li l-potenzjal, l-esperjenza u l-għarfien tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, inkluż tal-ħaddiema akbar fl-età, jiġu sfruttati bis-sħiħ. Barra minn hekk, aċċess aktar faċli għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet imfassla apposta, ir-rikonoxximent tal-ħiliet flimkien ma' impjiegi ta' kwalità, u akkomodazzjonijiet aktar flessibbli u adattati tal-post tax-xogħol jistgħu jkollhom impatt pożittiv fuq id-deċiżjonijiet ta' persuni akbar fl-età biex jibqgħu ekonomikament attivi. Ir-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali għandhom jiġu rispettati f'dak ir-rigward.
26. Il-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha li tiżviluppa *Strateġija dwar il-Ġustizzja Interġenerazzjonali* biex *timmappja kif il-komunikazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet tista' tissaħħaħ u biex tiżgura li l-interessi tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri jiġu rispettati fit-tfassil tal-politika u tal-liġijiet*²⁸.
27. Il-kontribut tal-persuni akbar fl-età għandu jiġi apprezzat b'mod partikolari fil-post tax-xogħol, fejn jista' jrawwem id-dinamiżmu, l-innovazzjoni u l-kollaborazzjoni interġenerazzjonali permezz ta' taġħlim reċiproku, qsim tal-għarfien u approċċi diversifikati; fil-familji, fejn il-persuni akbar fl-età jistgħu volontarjament jagħtu kura informali fit-tul li tikkomplementa lis-servizzi ta' kura formali, u jgħinu lill-ġenituri żgħażaġħ fir-responsabbiltajiet ta' indukrar; u fis-soċjetà u l-komunitajiet lokali, fejn il-persuni akbar fl-età jistgħu jnaqqsu l-firdiet ġenerazzjonali, jgħaddu l-kultura, il-valuri u n-normi soċjali lill-ġenerazzjonijiet iżgħar, irawmu l-empatija u l-fehim reċiproku, u jippromwovu soċjetà aktar koeżiva u inklużiva.

²⁶Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - L-Unjoni tal-Ħiliet, COM(2025) 90 final, Brussell, 05.03.2025.

²⁷Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Regġuni - Nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: pjan ta' azzjoni, COM(2024) 131 final, Brussell, 20.03.2024.

²⁸Ittra ta' Missjoni minn Ursula von der Leyen, President tal-Kummissjoni Ewropea lil Glenn Micallef, Kummissarju għall-Ekwità Interġenerazzjonali, il-Kultura, iż-Żgħażaġħ u l-Ispport, Brussell, 1 ta' Diċembru 2024.

28. L-eżitu tad-diskussjonijiet mibdija taħt il-Presidenza Pollakka f'diversi fora (il-Konferenza ministerjali fi Gdańsk, il-Kunsill EPSCO, laqgħa informali tal-KPS) indika li l-aktar mod effettiv biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-isfruttament tal-potenzjal ekonomiku tal-persuni akbar fl-età huwa permezz ta' pakkett ta' politika komprensiv. Dan il-pakkett għandu jinkludi politiki speċifiċi u jqis il-kuntest nazzjonali. Oqsma ewlenin jistgħu jinkludu: l-inċentivar tal-estensjoni volontarja tal-attività professjonali; il-promozzjoni ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli u l-aġġustament tal-postijiet tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol; politika kontra d-diskriminazzjoni; taħriġ immirat u inklużiv; politiki dwar is-saħħa preventiva; appoġġ immirat mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi; attivitajiet tas-sħab soċjali; politiki u prattiki tal-kumpaniji; it-titjib tas-servizzi ta' kura u ta' kura fit-tul; u l-ġestjoni tal-età fuq il-post tax-xogħol u l-ġestjoni tas-saħħa preventiva. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' bidla fil-ħsieb biex jitrawwem l-għarfien mis-soċjetà tal-kontributi siewja tal-persuni akbar fl-età għall-attività ekonomika.
29. Il-kompetenzi rispettivi tal-Istati Membri u tal-Unjoni taħt it-Titoli IX u X TFUE, kif ukoll il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, u l-ħidma li għaddejja biex jiġi rieżaminat il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fl-2025.²⁹

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA biex skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom:

30. Iqisu, fil-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid li ġej tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif jistgħu jippromwovu b'mod effettiv politiki dwar it-tixjiħ attiv li jhegħgu lill-Ewropej akbar fl-età jestendu volontarjament il-ħajja tax-xogħol tagħhom u kif jistgħu jippromwovu opportunitajiet għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi li jirriżultaw mill-iżvilupp tal-"ekonomija tal-fidda". Dan jista' jikkontribwixxi biex jitjebu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE, tiġi żgurata l-adegwatezza tal-protezzjoni soċjali, kif ukoll jiġu promossi l-ġustizzja u s-solidarjetà interġenerazzjonali.

²⁹ Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, Kummissjoni Ewropea, Brussell, 4.3.2021, COM(2021) 102 (final), p. 41.

31. Jiġġieldu l-etaiżmu u l-isterjotipi negattivi fl-oqsma kollha tas-soċjetà fejn fir-rigward tal-persuni akbar fl-età inġenerali, u b'mod partikolari fejn jidħlu l-ħaddiema akbar fl-età, billi jqajmu kuxjenza dwar l-importanza u l-valur miżjud tal-parteċipazzjoni attiva tal-persuni akbar fl-età fil-ħajja ekonomika, tal-familja u komunitarja. Dan jinvolti wkoll it-trawwim ta' perċezzjonijiet pożittivi fost il-persuni akbar fl-età tar-rwol tagħhom fl-ekonomija u s-soċjetà, b'enfasi partikolari fuq il-benefiċċji meta jestendu l-ħajja tax-xogħol tagħhom, u jinvolti ruħhom f'inizjattivi komunitarji. Azzjonijiet politiċi f'dik id-direzzjoni għandhom iqisu l-eteroġeneità tal-persuni akbar fl-età bħala grupp.
32. Jindirizzaw l-isfidi li jsibu quddiemhom in-nisa akbar fl-età u jippromwovu politiki li jiżguraw opportunitajiet u appoġġ għall-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-forza tax-xogħol, il-progressjoni tal-karriera tagħhom, ir-remunerazzjoni tagħhom tul il-ħajja u d-dħul tagħhom fl-irtirar. Il-politiki għandhom iqisu, b'mod partikolari, is-sehem sproporzjonat ta' responsabbiltajiet ta' kura mitfugħa fuq in-nisa u jrawmu l-qsim ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura bejn in-nisa u l-irġiel.
33. Isaħħu l-isforzi biex jippromwovu t-tixjiħ san u attiv filwaqt li jqisu l-impatt ta' stil ta' ħajja san, ta' attivitajiet mhux ta' xogħol u tar-rabtiet soċjali fuq iż-żamma tal-awtonomija, il-benesseri, u ħajja dinjituża fix-xjuħija. Għandha tintuża l-prevenzjoni minn kemm jista' jkun kmieni, u tul il-proċess tat-tixjiħ, b'mod partikolari billi jintlaħqu dawk li huma fl-aktar kundizzjonijiet u sitwazzjonijiet vulnerabbli.
34. Jenfasizzaw, fir-Rapporti Konġunti dwar l-Impjiegi li ġejjin u f'dokumenti rilevanti oħra, politiki li jkollhom l-għan li jħeġġu lill-persuni akbar fl-età jestendu l-attività professjonali u ekonomika tagħhom.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI:

35. Jieħdu kont debitu tal-importanza li tinżamm u tiġi estiża l-attività ekonomika volontarja ta' persuni akbar fl-età u, fejn xieraq, iqisu l-adozzjoni ta' miri speċifiċi għall-attività ekonomika għal persuni akbar fl-età, b'kont meħud tal-punti tat-tluq u taċ-ċirkostanzi nazzjonali relattivi tagħhom.
36. Jippromwovu l-estensjoni tal-involvement ekonomiku u soċjali volontarju tal-persuni akbar fl-età permezz tad-djalogu soċjali u approċċi komprensivi ta' pakketti ta' proposti li jintegraw miżuri f'diversi oqsma ta' politika ewlenin, fosthom il-parteċipazzjoni soċjali, l-impjieg, is-saħħa u sikurezza okkupazzjonali, il-ħiliet, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-opportunitajiet indaqs, it-tagħlim u t-taħriġ tul il-ħajja, l-intraprenditorija, it-teknoloġiji diġitali u dawk ibbażati fuq l-IA, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, u l-protezzjoni soċjali. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu politiki rilevanti filwaqt li jieħdu kont bir-reqqa tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni akbar fl-età, anke dawk b'diżabbiltà, u jiżguraw l-aċċessibbiltà f'termini ta' aspetti mentali, intellettuali, fosthom konjittivi jew sensorjali, u aspetti fiżiċi u organizzazzjonali. Għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali, sabiex is-sistema ta' inċentivi għall-estensjoni volontarja tal-ħajja tax-xogħol tqis il-ħtiġijiet, ix-xewqat u l-kapaċitajiet varji tal-persuni akbar fl-età, fosthom membri ta' gruppi okkupazzjonali differenti, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-ħaddiema manwali u lil dawk li jaħdmu f'kundizzjonijiet ta' strapazz jew mod ieħor eżiġenti, jew f'setturi li qed imajnaw u jittrasformaw ruħhom.
37. Jippromwovu l-litteriżmu, il-ħiliet u l-inklużjoni diġitali u jiżguraw li t-trasformazzjoni diġitali jibbenefikaw minnha ċ-ċittadini kollha, b'attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet tal-persuni akbar fl-età. Approċċ orjentat lejn iċ-ċittadini, f'termini ta' disinn faċli għall-utent u mingħajr ostakli li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-persuni akbar fl-età, huwa kruċjali biex tiġi miġġielda l-esklużjoni diġitali, jitnaqqas id-distakk diġitali u tiġi miġġielda l-problema ta' użu baxx mill-benefiċjarji potenzjali, b'mod partikolari l-persuni akbar fl-età.

38. Jintegraw, fejn possibbli, l-għoti ta' servizzi ta' appoġġ fil-livelli u s-setturi kollha tal-amministrazzjoni tal-gvern u tal-awtoritajiet lokali, kif ukoll fost is-sħab soċjali u entitajiet mhux governattivi rilevanti oħra, filwaqt li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u privat, sabiex ikun ta' benefiċċju effettiv għall-persuni akbar fl-età f'termini ta' ħtiġijiet, tempestività, nuqqas ta' diffikultajiet u selettività. Jiżviluppaw id-djalogu mal-partijiet ikkonċernati dwar il-ġbir flimkien komprensiv ta' politiki u t-tweqqif integrat tagħhom billi jiffurmaw sħubijiet mill-qrib mat-trade unions, l-impjegaturi, l-organizzazzjonijiet rilevanti tan-negozju u tas-soċjetà ċivili f'kull stadju tal-iżvilupp, il-promulgazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki.
39. Jippromwovu, bil-kooperazzjoni tas-sħab soċjali, il-ġestjoni tar-riżorsi umani skont l-età fir-rigward tal-impjegaturi u l-ħaddiema, billi jqajmu l-kuxjenza tagħhom dwar il-benefiċċji tal-approċċ ta' tul il-ħajja kollha fir-reklutaġġ, it-taħriġ, iż-żamma u r-riintegrazzjoni tal-ħaddiema u tal-isfruttament bl-aħjar mod tal-potenzjal tal-persuni akbar fl-età, anke billi jiġu mħeġġa jgħaddu l-għarfien espert professjonali u intraprenditorjali tagħhom lill-ġenerazzjonijiet iżgħar, fost oħrajn. Jinċentivaw lill-impjegaturi jisfruttaw il-potenzjal ta' dawk akbar fl-età li jkunu qed ifittxu impjieg u ta' persuni inattivi. Għandu jiġi rikonoxxut li l-investment fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet, fl-adattamenti tal-postijiet tax-xogħol, u fis-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali adattati għall-ħtiġijiet tal-ħaddiema akbar fl-età, huwa kemm fattibbli kif ukoll ta' benefiċċju.
40. Jintensifikaw l-isforzi, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, biex jintroduċu soluzzjonijiet biex iħeġġu lill-persuni akbar fl-età jibqgħu fis-suq tax-xogħol volontarjament, inkluż wara li jilhq u l-età tal-irtirar, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tas-Semestru Ewropew, billi jiskoraġġixxu l-irtirar kmieni fejn xieraq, jimplimentaw incenivi effettivi għal ħajja tax-xogħol volontarjament itwal, jippermettu lin-nies jikkombinaw il-benefiċċji tal-pensjoni mal-introjtu mix-xogħol, u jippromwovu perkorsi flessibbli għall-irtirar, fost oħrajn.

41. Jippromwovu l-iskambju tal-aħjar prattiki, anke fil-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità, biex irawmu miżuri nazzjonali aktar effettivi inkluż strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni biex jindirizzaw l-isfidi ewlenin għall-ugwaljanza bbażata fuq l-età.
42. F'konformità mal-prattiki amministrattivi nazzjonali, jieħdu passi xierqa biex imexxu 'l quddiem il-għbir ta' data dwar l-ugwaljanza, inkluż data diżaggregata skont is-sess u l-età, biex jidentifikaw u jindirizzaw aħjar l-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età.

JISTIEDEN LILL-KUMITAT TAL-IMPJEGI U LILL-KUMITAT TAL-PROTEZZJONI SOĊJALI:

43. Jibnu fuq l-esperjenza wiesgħa tagħhom f'dan il-qasam biex jappoġġaw l-iskambju tal-aħjar prattiki mil-lat tal-apprezzament u l-isfruttar tal-potenzjal ekonomiku u soċjali tal-persuni akbar fl-età, u biex jirriflettu dwar ir-risultati rispettivi fl-attivitajiet ta' diskussjoni, rappurtar u taġlim reċiproku eżistenti tagħhom.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

44. Tqis il-potenzjal ekonomiku u soċjali tal-persuni akbar fl-età, b'enfasi fuq perspettivi strateġiċi bħall-istennija tal-għomor, il-fatturi soċjoekonomiċi tal-inugwaljanza, inkluż id-distakki fil-pensjonijiet, il-kundizzjonijiet ta' saħħa, it-teknoloġiji abilitanti u aċċessibbli li qed ifeġġu, u l-bidliet fis-suq tax-xogħol. Dan għandu jindirizza wkoll il-perċezzjoni ta' soċjetà li qed tixjieħ, b'enfasi mhux biss fuq il-kostijiet u l-isfidi iżda wkoll fuq il-benefiċċji potenzjali.
45. Tipprovdi forum ta' skambju tal-informazzjoni u opportunitajiet ta' taġlim dwar prattiki li jistgħu jippermettu lill-persuni akbar fl-età jibqgħu fis-suq tax-xogħol, jippromwovu forza tax-xogħol inklużiva għall-età, irawmu l-intraprenditorija, inkluż l-intraprenditorija soċjali, u jhegħgu l-ħidma anke wara l-età tal-irtirar, kif ukoll attivitajiet li jkollhom l-għan li jhegħgu l-attività soċjali u jbiegħdu s-solitudni, bħala elementi biex jappoġġaw tixjiħ attiv u san u aċċess għal servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità għolja.

46. Tiġġieled l-istereotipi, u tippromwovi impressjoni pożittiva tal-lonġevità fil-kampanji ta' sensibilizzazzjoni rilevanti tagħha. Thegħgeġ liċ-ċittadini tal-UE jħejju għal-lonġevità billi jiżviluppaw litteriżmu tal-lonġevità biex jgħinhom iħejju l-futur tagħhom.
47. Tagħti spinta lill-azzjonijiet u tqajjem kuxjenza dwar it-tixjiħ san u attiv, mhux biss fost il-persuni akbar fl-età iżda wkoll fis-soċjetà inġenerali, dwar impjiegi ta' kwalità, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u deċenti tul il-ħajja tax-xogħol tan-nies, inkluż l-impatt ta' stil ta' ħajja san, ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għan-nisa u l-irġiel, ta' attivitajiet mhux relatati max-xogħol u tar-rabtiet soċjali fuq iż-żamma ta' ħajja dinjituża u awtonoma fix-xjuħija, filwaqt li jitqiesu aspetti differenti tal-ħajja, jiġi miġġieled l-etaiżmu, inkluż id-diskriminazzjoni kontra persuni akbar fl-età meta jiġu biex jaċċessaw id-drittijiet tagħhom u jiżguraw parteċipazzjoni sħiħa fil-ħajja soċjali, kulturali, politika u ekonomika.
48. Tiżgura li fil-ħidma komprensiva li ġejja dwar *l-Istrateġija dwar il-Ġustizzja Interġenerazzjonali*, tingħata wkoll attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet u l-interessi tal-ġenerazzjoni akbar fl-età, speċjalment rigward l-attivazzjoni ekonomika u soċjali tal-persuni akbar fl-età, u tqis xi inizjattivi possibbli ddedikati għall-Ewropej akbar fl-età li jħalluhom jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà u fl-ekonomija kif ukoll irawmu aktar solidarjetà u involviment.
49. Tappoġġa biżżejjed finanzjament tal-UE fil-mezzi finanzjarji eżistenti tal-QFP biex il-persuni akbar fl-età jkunu jistgħu jiżviluppaw ħiliet li jippermettulhom jadattaw għas-swieq tax-xogħol moderni u għall-bidla teknoloġika, biex jitrawmu postijiet tax-xogħol favorevoli għall-persuni akbar fl-età u aċċessibbli u forza tax-xogħol inklużiva għall-età, filwaqt li jiġu implimentati inizjattivi li jħalluhom jikkontribwixxu għall-ekonomija u s-soċjetà.
50. Tkompli tissorvelja u tappoġġa l-implimentazzjoni effettiva tal-liġi rilevanti tal-UE u taħdem aktar lejn it-titjib tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, inkluż fir-rigward tad-diskriminazzjoni kontra l-persuni akbar fl-età u l-persuni b'diżabilità.

Referenzi

Leġislazzjoni tal-UE

Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97

Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499 tas-7 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE

Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi

Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/3134 tat-2 ta' Diċembru 2024 dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri

Kunsill Ewropew

Aġenda Strateġika 2024-2029, Anness I tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2024 (EUCO 15/24)

Kunsill

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja 2022/C 476/01

Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2024 dwar nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: Il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal tax-xogħol mhux sfruttat fl-Unjoni Ewropea (16556/24)

Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2024 dwar l-iżgurar tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-ġenerazzjonijiet kollha fil-kuntest ta' sfidi demografiċi (16065/24)

Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2024 dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet (11398/24)

Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-Isfidi tas-sostenibbiltà fiskali li jirriżultaw mit-tixjiħ (9160/24)

Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2021 dwar l-Integrazzjoni tat-Tixjiħ fil-Politiki Pubbliċi (6976/21)

Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 2020 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Parteċipazzjoni u l-Benesseri ta' Persuni Akbar fl-Età fl-Era tad-Diġitalizzazzjoni (11717/2/20 REV 2)

Kummissjoni Ewropea

Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa (referenza tal-Kummissjoni COM(2025) 97 final)

L-Unjoni tal-Ħiliet (referenza tal-Kummissjoni: COM (2025) 90 final)

Nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: pjan ta' azzjoni (referenza tal-Kummissjoni: COM(2024) 131 final)

It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni (referenza tal-Kummissjoni: COM(2023)577 final)

L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa (referenza tal-Kummissjoni: COM(2023) 32 final)

L-istrateġija Ewropea għall-kura (referenza tal-Kummissjoni: COM(2022) 440 final)

Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027

Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel (Referenza tal-Kummissjoni: COM(2021) 323 final)

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (referenza tal-Kummissjoni: COM(2021) 102 final)

Unjoni ta' ugwaljanza – Strateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030 (referenza tal-Kummissjoni: COM(2021) 101 final)

Il-Green Paper dwar it-Tixjiħ "Inrawmu solidarjeta u responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet" (referenza tal-Kummissjoni: COM (2021) 50 final)

Ittra ta' Missjoni minn Ursula von der Leyen, President tal-Kummissjoni Ewropea lil Glenn Micallef, Kummissarju għall-Ekwità Interġenerazzjonali, il-Kultura, iż-Żgħażaġħ u l-Isport, Brussell, 1 ta' Diċembru 2024

Parlament Ewropew

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2021 dwar kontinent xiħ li qed jixjieħ – possibilitajiet u sfidi relatati mal-politika dwar it-tixjiħ wara l-2020 (2022/C 99/13)

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2017 dwar Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2018/C 242/05)

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 dwar "Lejn sistemi ta' pensjonijiet Ewropej adegwati, sostenibbli u siguri" (2012/C 188 E/03)

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-opinjoni tal-KESE: Persuni akbar fl-età fl-impjieg – fatturi sistemiċi fl-għażla li jaħdmu għal żmien itwal (SOC/817 EESC 2024), 26 ta' Frar 2025

L-opinjoni tal-KESE: Il-promozzjoni tas-solidarjetà interġenerazzjonali Ewropea – lejn approċċ orizzontali tal-UE, (ĠU C, C/2024/6869), 28 ta' Novembru 2024

L-opinjoni tal-KESE: L-Impatt tad-Demografija fuq l-Ewropa Soċjali, SOC 796, 18 ta' Settembru 2024

L-opinjoni tal-KESE: Strateġija Ewropea għall-Anzjani (2023/C 349/06), 12 ta' Lulju 2023

L-opinjoni tal-KESE: White paper — Aġenda għal pensjonijiet adegwati, sikuri u sostenibbli i)(2012/C 299/21), 12 ta' Lulju 2012

Nazzjonijiet Uniti

Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, adottata fit-13 ta' Diċembru 2006

Ir-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-25 ta' Settembru 2015 "Transforming our world: the 2030 Aġenda for Sustainable Development", (A/RES/70/1)

Riżoluzzjoni 1 tan-NU: Dikjarazzjoni Politika u Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali ta' Madrid dwar it-Tixjijiet, 2002, (A/CONF.197/9)

Rakkomandazzjoni tal-ILO dwar il-Ħaddiema Akbar fl-Età. 1980 (Nru 162), Ġinevra, 66 Sessjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol (23 ta' Ġunju 1980)

Oħrajn (rapporti, dokumenti ta' ħidma)

Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, Id-dokument ta' konklużjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità: Age equality and non-discrimination on the grounds of age. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

Kummissjoni Ewropea: DĠ JUST, "2025 Report on Gender Equality in the EU", 7 ta' Marzu 2025, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS), "The 2024 Pension Adequacy Report – Current and future income adequacy in old age in the EU". Volume I, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS), SPC Annual Report 2024: Review of the Social Protection Performance Monitor (SPPM) and developments in social protection policies - Key social challenges and key messages. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

Kummissjoni Ewropea: is-Segretarjat Ġenerali, The Impact of Demographic Change in a changing environment. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

"Population Structure and Ageing: Statistics Explained", Eurostat, Frar 2025,
https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Population_structure_and_ageing

Eiffe, F.F. et al. (2024), "Keeping older workers engaged: Policies, practices and mechanisms", Dokument ta' Ħidma tal-Eurofound WPEF24030,
<https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/2024-02/wpef24030.pdf>

Mahoney, J. et al. (2024), "Measuring social connectedness in OECD countries: A scoping review", OECD Papers on Well-being and Inequalities, No. 28, OECD Publishing, Pariġi,
<https://doi.org/10.1787/f758bd20-en>

Sylke, V. et al. (2024), "Loneliness in Europe: Determinants, Risks and Interventions", Population Economics, Cham, Springer. ISSN 1431-6978,
<https://link.springer.com/book/10.1007/978-3-031-66582-0>

"Barometer 2023: Empowering older people in the labour market for sustainable and quality working lives", AGE Platform, 2023, https://www.age-platform.eu/content/uploads/2023/11/AGE-Barometer-2023_vf_EN.pdf

"Ageing with social rights - AGE Platform Europe's contribution to the consultation on reinforcing social Europe", AGE Platform, Novembru 2020, <https://www.age-platform.eu/ageing-with-social-rights-age-contribution-to-the-consultation-on-social-europe/>

"International Encyclopedia of the Social & Behavioral Sciences (Second Edition)", 2015, <https://www.sciencedirect.com/science/article/abs/pii/B9780080970868340417>
